KAPITOLU 433

ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI

Biex ma jitħallewx jidħlu f'Malta organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti, biex dawn jiġu kkontrollati u mrażżnin il-firxa tagħhom u biex tipprovdi għal materji oħra li jkunu inċidentali u anċillari għaliha.

1 ta' Settembru, 2001

L-ATT XVIII ta' l-2001, kif emendat bl-Att III ta' l-2004 u bl-Avviż Legali 426 ta' l-2007.

Taqsima I

Preliminari

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti. Titolu fil-qosor.

2. (1) F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma' teħtiegx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: III. 2004.54.*

"ċertifikat fitosanitarju" tfisser ċertifikat li għandu x'jaqsam mal-kondizzjoni tas-saħħa tal-pjanta u l-oriġini ta' konsenja ta' pjanti u, jew materjal veġetali imħejji u maħruġ skond il-Konvenzjoni;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment responsabbli għas-saħħa tal-pjanti;

"Direttur" tfisser id-Direttur tad-Dipartiment u, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, tinkludi kull uffiċjal pubbliku awtorizzat mid-Direttur għal hekk bil-miktub għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"ħamrija" tfisser kull materjal kapaċi li jsostni ħajja veġetali bħal trab, ilma, terriċċju jew tafal imma mhux materjal sterili jew li ma jkunx kapaċi jġorr jew isostni organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

"importatur" tinkludi kull persuna li, kemm bħala sid, bħala dak li jikkonsenja, bħala dak li jilqa' għandu, bħala aġent, bħala sensal jew xort'oħra, jkollha fil-pussess tagħha jew b'xi mod tkun intitolata li tieħu ħsieb xi materjal tal-pjanti, organiżmu li jagħmel l-ħsara, organiżmu li jagħmlu l-ġid, ħamrija jew ippakkjar importat jew li jkun hemm il-ħsieb li jiġi importat f'Malta minn xi pajjiż ieħor;

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Ħarsien tal-Pjanti iffirmata f'Ruma nhar is-6 ta' Diċembru 1951, kif emendata jew flimkien ma' xi konvenzjoni oħra skond kif ikun preskritt mill-Ministru minn żmien għal żmien;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"materjal għat-tnissil" tfisser kull pjanta ħajja jew parti ta' pjanta ħajja, użat jew maħsub għat-tnissil, li jinkludi żrieragħ, ġdur, xitel, basal, riżomi jew kulturi ta' xi biċċiet ta' pjanti;

"materjal ta' l-ippakkjar" tfisser kull materjal li jintuża biex jiġi ppakkjat, kontenut jew jinżamm materjal veġetali, organiżmi li jagħmlu l-ġid, ħamrija jew organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

"materjal veġetali" tinkludi kull pjanta, parti ta' pjanta, materjal għat-tnissil jew prodott veġetali li tista' ssirlu ħsara jew li jkun iġorr fih jew miegħu, xi organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, tinkludi kull uffiċjal pubbliku awtorizzat mill-Ministru għal hekk bil-miktub għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"mezz u mod ta' ġarr" tfisser kull ħaga wżata biex iġġorr materjal minn post għal ieħor u tinkludi ajruplani, *hovercraft*, ferroviji, vetturi, karettuni, *containers*, bhejjem u kull ħaġa oħra li tista' ġġorr materjal veġetali, organiżmi li jagħmlu l-ħsara, organiżmi li jagħmlu l-ġid jew ħamrija;

"organiżmi li jagħmlu l-ġid" tfissser kull organiżmu, li jinkludi mofof, batteri, *virus* jew organiżmi li jixbħu lil *virus*, organiżmi mingħajr xewka tad-dahar jew xi annimal ieħor li jkun dikjarat bil-miktub mill-Ministru, wara konsultazzjoni mall-Ministru responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent, li jkun ta' ġid għall-flora Maltija jew għall-produzzjoni agrikola;

"organiżmi li jagħmlu l-ħsara" tfisser kull għamla ta' pjanta jew annimal jew xi aġent li jikkawża mard, minnbarra organiżmi li jagħmlu l-ġid, li jkunu kapaċi li, b'mod dirett jew indirett, jistgħu jikkawżaw il-ħsara lil xi materjal veġetali jew organiżmu li jagħmel il-ġid u tinkludi organiżmi ta' ħsara li jkunu ġew modifikati ġenetikament u ħaxix ħażin;

"pjanti" tfisser pjanti ħajjin u partijiet ta' pjanti ħajjin, inklużi ż-żerriegħa, frott u ħxejjex (ħlief dawk iffriżati), partijiet ta' pjanti li jkunu taħt l-art, fjuri mqaċċtin, zkuk, siġar bil-weraq u kulturi fit-ta' biċċiet tal-pjanti;

"post tad-dħul indikat" tfisser port, ajruport, uffiċċju postali jew xi post ieħor indikat mill-Ministru bħala post li fih huwa permess li ssir l-importazzjoni ta' materjal veġetali, u tinkludi port ħieles kif imfisser fl-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta;

Kap. 334.

"post ta' kwarantina'' tfisser post uffiċċjali stabbilit mill-Ministru bħala post fejn materjal veġetali jkun maħżun għal spezzjonar fitosanitarju, osservazzjoni, analizi jew riċerka;

"prodott veġetali" tfisser xi materjal mhux maħdum li jkun imnissel minn pjanti u dawk il-materjali oħra maħduma li, permezz tan-natura tagħhom jew bħala riżultat ta' l-ipproċessar, ikunu jistgħu joħolqu r-riskju li jinfirxu organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

"skema ta' ċertifikazzjoni" tfisser metodu ta' tkabbir, ħarsien u testijiet ta' pjanti biex jiġi żgurat li huma ħielsa minn organiżmi li jagħmlu l-ħsara partikolari u mard partikolari;

"spettur" tfisser kull spettur maħtur skond l-artikolu 26 u kull uffiċjal ieħor tas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti jew xi persuna oħra maħtura għal hekk mid-Direttur bil-miktub minn żmien għal żmien;

"tħawwil" tfisser kull xogħol li bih pjanti jiġu mqegħda b'tali mod li jiżgura t-tkabbir, ir-riproduzzjoni jew propagazzjoni tagħhom;

"trattament" tfisser kull proċess adattat, li jinkludi l-użu ta'

kimiċi, sħana jew pressjoni baxxa, u li bih jiġi żgurat t-tneħħija, l-isterilizzazzjoni jew il-qtil ta' xi organiżmu li jagħmel il-ħsara;

"uffiċċjal awtorizzat" tfisser uffiċċjal tal-Korp tal-Pulizija, tad-Dwana, tas-Servizzi Postali jew tas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti jew xi persuna oħra li jkollha l-awtorizzazzjoni bil-miktub mid-Direttur biex tinforza jew twettaq xi disposizzjoni ta' dan l-Att.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att il-frażijiet "importazzjoni" u "esportazzjoni" ma jinkludux id-dħul ta' xi ħaġa ġewwa Malta jew il-ħruġ ta' xi ħaġa minn Malta, minn jew lejn rispettivament, stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, jew skond dawk il-limiti li jistgħu jkunu ordnati minn jew lejn dak l-istat li l-Ministru jista' jordna, li jkun stat li jagħmel parti miż-Żona Ekonomika Ewropea jew stat li jkollu arranġamenti simili ma' l-Unjoni Ewropea.

Taqsima II

Amministrazzjoni

Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti.

3. (1) Id-Direttur għandu jkun responsabbli għas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti u għandu jamministra u jenforza id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Is-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti għandu -

(*a*) jispezzjona xtieli li jkunu qegħdin jikbru, uċuh ikkoltivati u pjanti u materjal veġetali maħżuna jew li jkunu qed jinġarru lokalment, sabiex jirrapporta l-eżistenza, bidu u tifrix ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara u sabiex jiġu kontrollati organiżmi li jagħmlu ħsara;

(*b*) dwar konsenji ta' materjal veġetali li jkunu qegħdin f'pajjiżna bħala riżultat ta' moviment internazzjonali -

(i) jispezzjona dawk il-konsenji u, fejn ikun meħtieġ, jispezzjona konsenja ta' kull forma ta' materjal ieħor li jkunu f'pajjiżna bħala riżultat ta' moviment internazzjonali taħt kondizzjonijiet li dan l-istess materjal jista' jservi bħala mezz inċidentali ta' ġarr ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

(ii) jispezzjona u jgħasses faċilitajiet ta' kull forma ta' ħażna u trasport, b'mod partikolari biex ma jħallux it-tifrix ta' dawk l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara, fit-territorju nazzjonali;

(iii) jiddiżinfesta u jiddiżinfetta konsenji ta' pjanti u materjal veġetali, kif ukoll il-kontenituri tagħhom, l-ippakkjar, l-imħażen jew faċilitajiet ta' trasport;

(*ċ*) jistabbilixxi l-perċentaġġ ta' spezzjonijiet li għandhom isiru;

(*d*) joħroġ ċertifikati fitosanitarji jew passaporti tal-pjanti;

(*e*) jawtorizza postijiet fejn jixxettlu l-pjanti biex joħorġu passaporti tal-pjanti skond regolamenti preskritti taħt dan l-Att;

(*f*) jaġġorna u jqassam minn żmien għal żmien listi ta'

materjal veġetali, organiżmi li jagħmlu l-ħsara u dawk li jagħmlu l-ġid, li l-importazzjoni tagħhom f'Malta hija pprojbita jew ristretta;

(*g*) iqassam tagħrif f'Malta dwar organiżmi li jagħmlu l-ħsara u prodotti veġetali u l-metodi kif jiġu kkontrollati u ma jitħallewx jinfirxu;

(*h*) jippromwovi il-manneġġjar u l-kontroll integrat ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara f'Malta;

(*i*) imexxi r-riċerka u *surveys* fil-qasam tal-ħarsien tal-pjanti;

(*j*) jamministra u jenforza id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(*k*) jieħu ħsieb dawk l-affarijiet li d-Direttur jista' jippreskrivi.

Bord dwar il-Harsien tal-Pjanti.

4. (1) Il-Bord dwar il-Harsien tal-Pjanti għandu jkun magħmul minn -

(*a*) *Chairman* li jiġi maħtur mill-Ministru;

(*b*) erba' membri, li jiġu maħtura mill-Ministru, u li ta' l-anqas wieħed minnhom għandu jkun rappreżentant tal-bdiewa;

(*ċ*) id-Direttur jew ir-rappreżentant tiegħu; u

(*d*) rappreżentant mill-qasam ta' l-edukazzjoni, u rappreżentant minn kull wieħed mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, id-Dipartiment ta' l-Ambjent, l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u l-Korporazzjoni dwar is-Servizzi ta' l-Ilma.

(2) Il-Bord għandu jirrevedi b'mod regolari l-istat tal-kwarantina tal-pjanti f'Malta, dwar il-formulazzjoni ta' politika f'dan ir-rigward u jagħti parir lill-Ministru fuq xi ħwejjeġ li jikkonċernaw dan l-Att b'mod speċjali dwar -

(*a*) il-ħruġ ta' regolamenti taħt dan l-Att u ħwejjeġ li jitqajmu mit-twettiq ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) l-avviż ta' xi organiżmu li jagħmel ħsara skond l-artikolu 20;

(*ċ*) l-implikazzjonijiet fitosanitarji li joħorgu mill-importazzjoni ta' xi materjal veġetali, prodott veġetali, organiżmi li jagħmlu l-ħsara, organiżmi li jagħmlu l-ġid jew ħamrija;

(*d*) l-immaniġġjar, it-tħaddim, u l-ħtiġiet tas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti; u

(*e*) id-dijanjosi, skoperta jew identifikazzjoni ta' organiżmi u mard partikolari.

Skemi għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Pjanti.

5. Id-Direttur jista' jistabbilixxi Skemi għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Pjanti li għandhom jaddottaw *standards* internazzjonali u li għandhom jiġu amminnistrati u aġġornati mis-Servizz għall-Protezzjoni tal-Pjanti fuq il-parir tal-Bord.

Taqsima III

Importazzjoni

Projbizzjoni ta' importazzjoni.

6. L-ebda persuna ma tista' timporta f'Malta materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar ħlief kif preskritt skond dan l-Att.

Permessi u ċertifikati.

7. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), kull materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar jista' jiġi importat biss f'Malta permezz ta' post ta' dħul awtorizzat u malli jiġi importat għandu jiġi ddikkjarat u sottomess flimkien mal-permessi u ċertifikati preskritti sabiex jiġi eżaminat mill-ispettur.

(2) Il-Ministru jista', wara konsultazjzoni mal-Bord, permezz ta' regolamenti jew avviżi imxandra fil-Gazzetta, jeżenta xi klassi jew tip ta' materjal veġetali milli jiġi dikkjarat malli jiġi importat.

(3) Id-Direttur jista' wara konsultazzjoni mal-Bord, permezz ta' avviż maħruġ fil-Gazzetta jistabbilixxi id-dettalji tal-kondizzjonijiet li taħthom u, jew, trattamenti li kull materjal veġetali, li joriġina minn dawk il-pajjiżi, u, jew, żoni, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż, għandu jkun soġġett qabel ma jiġi importat.

Spezzjon.

8. Il-persuna inkarigata minn xi mezz ta' ġarr jew ħażna ta' xi oġġett li jkun irid jiġi ddikjarat skond l-artikolu 7(1) għandha tqiegħed dan il-mezz u l-kontenut tiegħu biex jiġi spezzjonat u jingħata trattament mill-uffiċċjal awtorizzat skond dan l-Att fl-ewwel żmien li jkun raġonevolment possibbli wara li dan il-materjal jasal f'Malta jew f'xi żmien ieħor raġonevolment possibbli skond id-direzzjoni ta' l-ispettur, li għandu jistabbilixxi l-post ta' l-ispezzjon.

Avviż lill-ispettur.

9. Kull persuna f'Malta li tirċievi xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid jew xi ħamrija minn barra minn Malta kemm jekk dik il-persuna tkun tat il-permess li jintbagħtilha jew le, għandha, minnufih malli tirċevih tavża lil xi spettur u twettaq dak li jgħidilha l-ispettur fir-rigward ta' qerda, disponiment jew trattament ta' dan il-materjal dejjem għas-sodisfazzjon ta' l-ispettur.

Qbid ta' pjanta li jkollha orġaniżmu li jagħmel il-ħsara.

10. Kull ħaġa importata f'Malta, jew li tkun qiegħdha in transitu f'Malta jew mġarra minn xi parti għal oħra ta' Malta, bi ksur ta' dan l-Att, tista', flimkien mal-kontenitur li jintuża biex jittrasportaha jew xi ħaġa oħra li jkun hemm suspett raġonevoli li tista' tospita xi organiżmu li jagħmel il-ħsara, tiġi maqbuda mill-Pulizija u tista' tiġi meqruda, isir disponiment minnha, ttrattata jew isir mod ieħor minnha skond kif jidhirlu xieraq l-ispettur jew il-persuna awtorizzata u dan skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Permess għall-importazzjoni.

11. (1) Id-Direttur jista' permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta, jeħtieġ illi xi klassi ta' materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar ma jkunx jista' jiġi importat f'Malta minn dawk il-pajjiżi jew żoni, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż, ħlief b'permess ta' l-importazzjoni u bi qbil strett mal-kondizzjonijiet tal-permess.

(2) Id-Direttur jista' -

(*a*) joħroġ, jirrifjuta li joħroġ jew iħassar xi permess ta' l-importazzjoni jew;

(*b*) jippreskrivi f'xi permess għall-importazzjoni dawk it-termini u kondizzjonijiet li d-Direttur jidhirlu xierqa u f'kull żmien, kemm qabel kif ukoll wara l-importazzjoni, jibdel jew iżid mat-termini jew il-kondizzjonijiet.

Ċertifikat fitosanitarju jew passaport tal-pjanti.

12. Id-Direttur jista', permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta, jitlob illi xi klassi ta' materjal veġetali, kif jiġi speċifikat fl-avviż, ma jkunx jista' jiġi importat ħlief permezz ta' ċertifikat fitosanitarju maħruġ jew passaport tal-pjanti rikonoxxut mill-organizzazzjoni responsabbli mill-ħarsien tal-pjanti tal-pajjiż esportatur skond il-Konvenzjoni u li jkun konformi f'kollox jew mal-mudell taċ-ċertifikat fitosanitarju għall-esportazzjoni jew għar-ri-esportazzjoni, skond il-każ, kif jidher fl-*Annex* tal-Konvenzjoni.

Projbizzjoni jew restrizzjoni.

13. (1) Minkejja kull ħaġa li hemm f'dan l-Att, id-Direttur jista', wara li jikkonsulta mal-Bord, b'avviż fil-Gazzetta, jipprojbixxi jew jirrestringi d-dħul, il-bejgħ, il-koltivazzjoni, il-propagazzjoni jew iċ-ċaqliq ta' xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija, materjal ta' l-ippakkjar jew xi ħaġa oħra li tkun kapaċi tospita jew ixxerred xi organiżmu li jagħmel il-ħsara.

(2) Kull avviż mogħti skond is-subartikolu (1) għandu jiskadi sitt xhur wara li jkun jiġi pubblikat fil-Gazzetta, sakemm ma jiġix imġedded.

Għemil ta' regoli.

14. Il-Ministru jista', bil-parir tal-Bord, jagħmel regolamenti li jistabbilixxu regolamenti għar-reklamar ta' materjal għat-tnissil u materjal għat-tħawwil, u jista' b'dawn ir-regolamenti jistabbilixxi l-kondizzjonijiet biex jingħataw permessi għall-importazzjoni u trasport ta' xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara jew organiżmi oħrajn għal skop ta' tiftix xjentifiku jew mod ieħor, soġġett għat-termini u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti jew issir referenza għalihom fir-regolamenti biex jiġu mħarsa s-saħħa pubblika, l-agrikolutura u, jew, l-ambjent.

Assistenza.

15. (1) L-uffiċċjali kollha tal-Posta u tad-Dwana, għandhom jassistu lid-Dipartiment biex ma titħalliex l-importazzjoni f'Malta ta' xi oġġetti li jmorru kontra dan l-Att u biex jagħmlu hekk jistgħu jeżerċitaw il-poteri kollha mogħtija lilhom skond l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta jew xi liġi li tissostitwihom.

Kap. 37.
Kap. 254.

(2) Kull uffiċċjal tad-Dwana jew tal-Posta li jsir jaf li ġew importati xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija, materjal ta' l-ippakkjar jew xi ħaġa oħra li huma regolati b'dan l-Att, ħlief ta' ħwejjeġ li ma jkunx hemm bżonn li jiġu ddikjarati skond l-artikolu 7(2) għandu javża minnufih lil xi spettur jew xi uffiċċjal ieħor awtorizzat tas-Servizz għall-Ħarsien tal-Pjanti.

Ġarr jew maniġġar ta' kontenitur.

16. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-ebda materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, ħamrija u materjal ta' l-ippakkjar li jkun qiegħed jiġi eżaminat jew li jkun

jista' jiġi eżaminat minn spettur ma jkun jista' jiġi mċaqlaq jew minġġat bl-ebda mod u lanqas ma jista' jinfetaħ xi kontenitur ħlief taħt id-direzzjoni ta' xi spettur.

(2) Uffiċċjal tad-Dwana jew tal-Posta jista' jċaqlaq jew imiss oġġett li għalih hemm referenza fis-subartikolu (1) sakemm ikun jeħtieġ sabiex dak l-uffiċċjal ikun jista' jaqdi dmiru b'mod xieraq, sakemm l-infurzar u l-ksib ta' skopijiet ta' dan l-Att ma jiġux ippreġudikati.

Reġistrazzjoni mal-Servizz tal-Harsien tal-Pjanti.

17. Id-Direttur jista' jeħtieġ li kull persuna li tkun involuta fil-propagazzjoni, fil-ħażna, fl-importazzjoni, fl-esportazzjoni jew fil-produzzjoni jew xi negozju ieħor konness ma' materjal veġetali, li tirreġistra mas-Servizz tal-Harsien tal-Pjanti u tħares il-ħtiġiet li minn żmien għal żmien id-Direttur jista' raġonevolment jeħtieġ.

Eżami u teħid ta' kampjuni.

18. Kull persuna li tkun importat xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija, jew materjal ta' l-ippakkjar għandha, meta tiġi mitluba mill-ispettur, tħalli l-materjal importat jiġi eżaminat u li jittieħdu xi kampjuni minn xi spettur f'xi ħin raġonevoli sabiex l-ispettur ikun jista' jistabbilixxi jekk dawn ikunux konformi ma' dan l-Att jew xi permess li jkun maħruġ taħtu, jew jekk ikunx hemm bżonn li jittieħdu xi passi oħra.

Taqsima IV

Kontroll ta' l-Esportazzjoni

Eżami qabel esportazzjoni.

19. (1) Kull persuna li tkun bi ħsiebha tesporta kunsinna ta' pjanti jew materjal veġetali lejn pajjiż ieħor għandha tissottometti l-kunsinna lis-Servizz tal-Harsien tal-Pjanti għall-eżami qabel l-estportazzjoni.

(2) Kull kunsinna sottomessa għandha tiġi eżaminata minn spettur fi żmien erbatax-il jum mid-data ta' l-esportazzjoni skond il-ħtiġiet tal-pajjiż tad-destinazzjoni u jekk l-ispettur ikun sodisfatt illi r-rekwiżiti biex jinħareġ iċ-ċertifikat fitosanitarju jew passaport tal-pjanti jkunu ġew imħarsa, l-ispettur għandu joħroġ iċ-ċertifikat fitosanitarju jew passaport tal-pjanti skond dan il-Att.

Taqsima V

Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li Jagħmlu l-Ħsara lill-Pjanti

Dikjarazzjoni rigward organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat.

20. (1) Id-Direttur jista', permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta, jiddikjara li xi organiżmu li jagħmel il-ħsara li jrid jiġi notifikat jekk dan joħloq jew x'aktarx joħloq xi theddida għall-produzzjoni ta' jew negozju fil-materjal veġetali jew lill-ambjent naturali u li jew ma jkunx hemm tagħrif dwar l-eżistenza tiegħu f'Malta jew jkun jeżisti f'Malta iżda jkun suġġetta għal miżuri biex jinqered jew jiġi mrażżan.

(2) Min jokkupa jew ikun is-sid ta' xi art jew fond li fuqu jinsab xi organiżmu li jagħmel il-ħsara li jkun identifikat bħala, jew ikun hemm is-suspett li jkun, organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat għandu minnufuh javża lil xi uffiċċjal tas-Servizz tal-Harsien tal-Pjanti.

Dikjarazzjoni dwar arei infestati.

21. Id-Direttur jista' b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta -

(*a*) jiddikkjara kull gżira jew area f'Malta li tkun infestata jew li jkun hemm xi suspett li tkun hekk infestata, minn xi organiżmu li jagħmel il-ħsara, bħala żona infestata;

(*b*) jiddikkjara xi art jew fond li huwa infestat jew li jkun hemm suspett li jkun infestat b'xi organiżmu li jagħmel il-ħsara, li jkun taħt kwarantina;

(*ċ*) jippreskrivi miżuri sabiex isir trattament jew disponiment ta' xi materjal veġetali, organiżmi li jagħmlu l-ħsara, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar u metodi ta' trattament ta' xi mezz ta' ġarr kemm jekk ikunu infestati kif ukoll jekk ma jkunux infestati, sabiex jiġi limitat it-tifrix tal-organiżmu li jagħmel il-ħsara;

(*d*) jippreskrivi l-perjodu li fih ma jkunx jista' jsir it-tħawwil jew tħawwil mill-ġdid f'żona jew f'parti minn żona infestata jew f'xi post taħt kwarantina.

Avviż bil-miktub.

22. Jekk id-Direttur ikun sodisfatt illi organiżmu li jagħmel il-ħsara, li għandu jiġi notifikat, jkun preżenti f'xi post, id-Direttur jista' jordna illi jiġi mogħti avviż bil-miktub lis-sid jew lil min jokkupa dak il-fond u, jekk jidhirlu li jkun meħtieġ għall-għanijiet ta' dan l-Att, lis-sid jew lil min ikun jokkupa l-artijiet jew fondi fil-viċinanza, li fih jordna lil kull wieħed minnhom, fi żmien speċifikat fl-avviż, biex jieħdu l-miżuri, huma liema huma, fuq il-fondi tagħhom li d-Direttur jikkonsidra xierqa biex tinqered, titrażżan jew tirrestringi l-firxa ta' l-organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat.

Ksur.

23. Fil-każ li s-sid tal-post jew min joqgħod fih jonqos milli jħares xi termini ta' l-avviż maħruġ skond l-artikoli 17 jew 18, jew ma jkunx jista' jħares, fiż-żmien stipulat, dawk i-termini u javża b'dan lid-Direttur, id-Direttur jista' jawtorizza lis-Servizz tal-Harsien tal-Pjanti biex jidħol fuq l-art jew fil-fondi in kwistjoni u jieħu kwalunkwe miżuri li jkunu xierqa biex jiġu esegwiti il-ħtiġiet ta' l-avviż.

Reviżjonijiet regolari.

24. Id-Direttur għandu jirrevedi b'mod regolari is-sitwazzjoni fir-rigward ta' xi art li tkun tqiegħdet taħt kwarantina u, meta jkun sodisfatt illi l-organiżmu partikolari li jagħmel il-ħsara jkun ġie eradikat jew jekk wara li jkunu ġew ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha relevanti ma jkunx xieraq illi jkomplu jinżammu r-restrizzjonijiet tal-kwarantina fir-rigward ta' l-art jew parti minnha li tkun taħt kwarantina, id-Direttur għandu, permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta u b'avviż imwassal lil dawk is-sidien jew okkupanti kollha ta' dik l-art, jiddikkjara illi minn dik id-data speċifikata kull art identifikata fl-avviż ma għandhiex tibqa' aktar taħt kwarantina.

Kumpens.

25. (1) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), fejn xi materjal veġetali jew xi materjal ieħor ikun meqrud jew danneġġjat b'xi miżuri li jkunu ttieħdu biex tinqered, titrażżan jew tiġi limitata l-firxa ta' xi organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat, il-Ministru jista' jikkompensa lis-sid tal-materjal

veġetali jew xi oġġett meqrud jew danneġġat minn flejjes ivvutati għal dak il-għan mill-Kamra tad-Deputati.

(2) Il-Ministru ma għandux ikollu l-obbliġu li jikkompensa lil xi persuna li tkun sofriet xi telf bħala riżultat ta' xi azzjoni awtorizzata skond dan l-Att jekk din l-azzjoni tkun ittieħdet biex jinstab rimedju għal sitwazzjoni ikkawżata b'mod totali jew parzjali bħala riżultat ta' negligenza, nuqqas ta' konformità ma' xi istruzzjonijiet legali jew kontravenzjoni ta' dan l-Att, minn dik il-persuna.

(3) Il-Ministru għandu , fuq il-parir tal-Bord, jiddetermina l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas fiċ-ċirkostanzi tal-każ u jista, b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta, jippreskrivi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti sabiex jintalab kumpens.

(4) Kull persuna li titlob kumpens għal qbid jew qerda taħt dan l-Att ta' xi ħaġa li ma kenitx infestata b'organiżmi li jagħmlu l-ħsara jew jagħmlu xi deni taħt xi forma oħra lill-pjanti jew organiżmu li jagħmel il-ġid lill-pjanti li tħoss li tkun sofriet xi nuqqas b'deċiżjoni tal-Ministru skond subartikolu (3) tista', tagħmel rikors lill-Qorti Ċivili ta' ġurizdizzjoni kompetenti sabiex jiġi determinat l-interess ta' min jagħmel it-talba fil-propjetà jew xi dritt fuq il-propjetà, l-ammont ta' kumpens li għandu jiġi imħallas u biex tirċievi l-ħlas u jkollha d-dritt li tappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell kontra kull deċiżjoni.

Taqsima VI

Infurzar

Hatra ta' spetturi.

26. (1) Il-Prim Ministru għandu jaħtar spetturi biex jinfurzaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u l-Ministru għandu jiżgura illi dawn jirċievu taħriġ tekniku adegwat sabiex jkunu jistgħu jaqdu dmirijiethom kif imiss.

(2) Il-Ministru jista', bil-parir tad-Direttur, jinnomina uffiċċjali pubbliċi tad-Dipartiment biex ikunu spetturi temporanji biex jinfurzaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, flimkien ma' l-ispetturi maħtura skond is-subartikolu (1) u għandu jiżgura illi dawn jirċievu taħriġ tekniku adegwat sabiex jkunu jistgħu jaqdu dmirijiethom kif imiss.

Setgħat ta' dħul, tiftix u qbid.

27. In konformità mas-setgħat tagħha dwar dħul, tiftix u qbid, skond il-liġi għal dak li għandu x'jaqsam ma' reati kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Pulizija jkollha d-dritt li tkun akkompanjata u assistita minn spetturi maħtura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26 jew persuni oħra awtorizzati, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10 għandhom japplikaw għal kull ħaġa maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' dawk is-setgħat.

Qbid.

28. Kull spettur jew persuna awtorizzata li jordna li xi ħaġa tkun maqbuda, miżmuma, ittrattata, imneħħija jew meqruda, għandu malajr kemm jista' jkun, jinnotifika lis-sid jew lill-persuna li jkollha taħt idejha l-pussess, il-kura jew il-kontroll ta' l-oġġett, bil-passi kollha li jkunu ttieħdu u r-raġunijiet ta' din l-azzjoni. Jekk, f'ċirkostanzi speċjali, il-qbid ma jkunx sar fil-preżenza ta' din il-persuna, din għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub b'dak il-mod li l-Ministru jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien.

Taqsima VII

Reati, Pieni u Proċeduri

Reati.

29. Kull persuna li, kemm personalment jew permezz ta' impjegat jew aġent -

(*a*) tkabbar, ikollha fil-pussess tagħha, tbiegħ, toffri għall-bejgħ, iġġorr jew tqassam b'xi mod -

(i) xi materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, ħamrija, organiżmu li jagħmel il-ġid, materjal ta' l-ippakkjar li hi tkun taf li ġie importat f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(ii) xi ħaġa infestata b'organiżmu li jagħmel il-ħsara, li jaqa' taħt il-kontroll ta' dan l-Att jew suġġett għal xi avviż maħruġ skond l-artikoli 17 jew 18;

(*b*) li tattakka, tirreżisti, thedded jew tfixkel volontarjament lil xi spettur jew uffiċċjal inkarigat waqt li jkun qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att;

(*ċ*) li tirrifjuta jew li tittraskura li tobdi xi ordni jew direttiva magħmula b'mod legali jew mogħtija taħt dan l-Att;

(*d*) li, mingħajr l-ebda skuża raġonevoli, tonqos li twieġeb għal xi mistoqsija li tkun saritilha minn xi spettur jew uffiċċjal awtorizzat jew li tipproduċi xi ħaġa li għandha tiġi prodotta skond dan l-Att;

(*e*) li tonqos milli tħalli li jsir xi tfittix jew spezzjoni skond dan l-Att;

(*f*) li ma tħallix jew li tittanta li ma tħallix lil xi persuna oħra li tħares l-ordnijiet jew direttivi, milli twieġeb mistoqsijiet, li ma tipproduċix xi ħaġa jew li ma tħallix li jsiru tfittxijiet jew spezzjonijiet skond dan l-Att;

(*g*) li xjentement jew bi traskuraġni tipprovdi tagħrif li jkun falz f'materja partikolari, bl-iskop illi takkwista permess jew ċertifikat jew għat-tħaris intenzjonat tal-ħtiġiet ta' dan l-Att;

(*ħ*) li tibdel, tiffalsifika bi kwalunkwe mod, tħassar jew teqred xi dokument mogħti lil jew maħruġ mid-Direttur skond dan l-Att;

(*i*) li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

Pieni.
Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.

30. (1) Kull persuna li tkun ħatja ta' reat skond an l-Att tista, bla ħsara għal kull responsabbiltà oħra li jkollha taħt xi liġi oħra, teħel, meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), u jekk tinstab ħatja għat-tieni darba jew iktar, multa ta' mhux iktar minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal mhux iktar minn sena jew

dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' xi reat skond dan l-Att, il-Qorti tista' b'żjieda ta' xi piena li tkun imponiet -

(*a*) tordna illi kull dħul jew qligħ mill-bejgħ tal-korp tar-reat jiġu maqbudin;

(*b*) timponi multa addizzjonali ekwivalenti għall-benefiċċju ekonomiku stmat li l-persuna ħatja tkun akkwistat mill-għemil tar-reat jew li setgħet akkwistat kieku r-reat baqa' mistur; u, jew

(*ċ*) tħassar kull permess mogħti skond dan l-Att u ma tħallix li l-persuna li tkun instabet ħatja milli jkollha permess simili għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

Reati skedati. Kap. 291.

31. Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi illi ċerti reati taħt dan l-Att ikunu offizi skedati għall-iskopijiet ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u li jistgħu jinstemgħu minn Kummissarju għall-Ġustizzja bħala ksur tal-liġi.

Taqsima VIII

Mixxellanji

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

32. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti, b'mod ġenerali biex jingħata effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, jista' jagħmel regolamenti għall-għanijiet kollha li ġejjin jew għal xi wieħed minnhom:

(*a*) biex jipprojbixxi jew jirrestrinġi l-introduzzjoni f'Malta ta' xi materjal veġetali li x'aktarx jdaħħal f'Malta xi organiżmu li jagħmel il-ħsara, kemm jekk ikun diġà preżenti f'Malta kif ukoll jekk ma jkunx, jew li jkollu karatteristiċi noċivi jew mhux mixtieqa jew li jkun jappartjeni għal xi razza mhux mixtieqa;

(*b*) biex jipprojbixxi jew jirrestrinġi f'Malta ta' -

(i) xi ħamrija, materjal ta' l-ippakkjar jew xi ħaġa oħra speċifikata fir-regolamenti li x'aktarx iddaħħal f'Malta xi organiżmu li jagħmel il-ħsara kemm jekk ikun diġà preżenti f'Malta kif ukoll jekk ma jkunx, jew;

(ii) xi organiżmu li jista' jagħmel il-ħsara jew xi organiżmu li hu jew li jkun allegat li jkun organiżmu li jagħmel il-ġid;

(*ċ*) biex jaħtar postijiet ta' dħul u stazzjonijiet tal-kwarantina;

(*d*) biex jippreskrivi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti minn xi spettur jew minn persuna oħra fl-eżerċizzju tas-setgħat jew fit-tħaddim tad-dmirijiet skond dan l-Att;

(*e*) biex jippreskrivi l-proċeduri li għandhom jiġu addottati għat-trattament ta' xi materjali importati regolati b'dan l-Att u tal-mezzi ta' ġarr li jġibuhom

f'Malta biex jimpedixxi jew jikkontrolla d-dħul f'Malta ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

(*f*) biex jipprovdi għall-kontroll u l-kura ta' materjal veġetali miżmum jew imkabbar b'mod iżolat jew f'kundizzjonijiet ta' kwarantina kemm jekk ikun fi stazzjonijiet ta' kwarantina jew x'imkien ieħor;

(*g*) biex jitlob il-provvista u l-manutenzjoni ta' dawk il-faċilitajiet skond kif ikun raġonevolment preskritt;

(*h*) biex jipprovdi għall-ispezzjonar ta' materjal veġetali domestiku, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar għall-esportazzjoni u biex jinħargu ċ-ċertifikati fitosanitarji u passaporti tal-pjanti;

(*i*) biex jippromwovi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn id-Dipartimenti tal-Gvern u terzi persuni sabiex jiġu implimentati u infurzati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*j*) biex jiġu spezzjonati pjanti fi stadju ta' tkabbir, artijiet jew fondi oħra, u materjal veġetali, inkluż materjal veġetali maħżun jew qiegħed jingarr, sabiex tiġi aċċertata l-preżenza jew l-assenza ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara;

(*k*) biex jimponi u jiddetermina d-drittijiet ta' ħlas jew paġamenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' xi permess jew ċertifikat meħtieġ skond dan l-Att;

(*l*) biex jippreskrivi l-formoli li għandhom jiġu wżati għall-għanijiet ta' dan l-Att;

(*m*) biex joħroġ, jissospendi jew iħassar permessi u ċertifikati li hemm maħsub għalihom skond dan l-Att;

(*n*) biex iwettaq, jikkoordina u jinkoraġġixxi r-riċerka fil-qasam tal-ħarsien tal-pjanti;

(*o*) biex jippromwovi kuxjenza pubblika dwar l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u kif għandha ssir il-prevenzjoni kontrihom, kif għandhom jiġu eradikati u kkontrollati inkluż l-użu ta' organiżmi li jagħmlu l-ġid.

(*p*) biex jingħaqad ma' awtoritajiet kompetenti f' pajjiżi oħra għal dawk il-materji li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-pjanti;

(*q*) biex jitwettqu r-responsabbilitajiet tal-Gvern skond il-Konvenzjoni u konvenzjonijiet internazzjonali oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-pjanti;

(*r*) biex jippreskrivi l-pieni li għandhom jingħataw għal offizi li jsiru taħt dan l-Att;

(*s*) biex jistabbilixxi regoli biex jiġu mwaqqfa żoni protetti u regoli għaċ-ċaqliq ta' ċerti pjanti, prodotti veġetali jew oġġetti oħra minn żona protetta, u għaċ-ċaqliq ta' dawn l-affarijiet li joriġinaw minn jew li jiġu trasportati f'dawn iż-żoni protetti; u

(*t*) biex jirrikonoxxi pajjiżi u, jew, żoni bħala li jkunu

ħielsa minn jew esposti għal organiżmi li jagħmlu l-ħsara u mardiet partikolari.

(2) Regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħt kull waħda mid-disposizzjonijiet taħt dan l-Att jistgħu isiru bl-ilsien Ingliż biss.

33. (1) Kull persuna li tinstab ħatja ta' reat skond dan l-Att għandha, wara rikors mid-Direttur wara s-sentenza tiġi ordnata mill-Qorti biex tħallas lura lid-Direttur l-ispejjeż li jkunu ntefqu mid-Direttur, jew minn spettur jew uffiċjal ieħor awtorizzat, bħala riżultat ta' l-aġir ta' dik il-persuna bi ksur ta' xi ordni jew direttiva magħmula jew mogħtija legalment skond dan l-Att. Ksur ta' dan l-Att.

(2) Ma jkun hemm ebda appell minn deċiżjoni tal-Qorti mogħtija skond is-subartikolu (1). Kull somma mogħtija bħala ħlas lura permezz ta' deċiżjoni bħal din tkun tista' tiġi miġbura bħala dejn ċivili, u dik id-deċiżjoni tkun titolu eżekuttiv bl-istess bħallikieku kienet inkluża fost it-titolu eżekuttivi msemmija fl-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2), is-sid u l-importatur ta' kull materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija jew materjal ta' l-ippakkjar li jsir disponiment minnu jew jiġi trattat mis-Servizz tal-Protezzjoni tal-Pjanti jew minn xi persuna oħra awtorizzata skond dan l-Att ikunu responsabbli *in solidum* biex iħallsu lura lill-Gvern l-ispejjeż għad-disponiment jew trattament, liema spejjeż ikunu jistgħu jinġabru bil-mod provdut fl-artikoli 466 u 467 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

34. Ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Drittijiet li jitħallsu fil-Protezzjoni ta' Pjanti, magħmulin taħt l-Att dwar l-Agrikoltura (Protezzjoni tal-Pjanti), revokat b'dan l-Att, għandhom jibqgħu jseħħu bħallikieku saru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u jistgħu jiġu emendati u revokati skond hekk. Riżerva.